# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.11

**Kap: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.11: Tista' tagħtini ftit ilma?**

**Għanijiet:**




L-istudenti:

1. Jaraw kif Ġesù kien ikellem lil kulħadd.
2. Jagħrfu li kien jaħfer li kulħadd.
3. Jindunaw li trid titgħallem mill-iżbali li tagħmel.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video 'Ġesù mas-Samaritana'.
- Karta ta' Taħriġ 3.7.



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lil xi wieħed/waħda mit-tfal jekk hu/hi ħabib/a ma' kull tifel/tifla li hemm l-iskola? It-tfal joħorġu bi tweġibiet bħal: "Mhux lil kulħadd naf", "Hemm xi tfal li huma mqarbin ħafna allura ma nkellimhomx", "Hemm tfal li qatt ma kellmuni allura jien ma nkellimhomx".
- Staqsi: "Allura jekk qatt ma kellimthom, taf ħafna fuqhom? It-tfal naturalment iwieġbu li 'Le'. L-għalliema issa tgħidilhom li se jaraw storja ta' meta Ġesù ltaqa' ma' mara li ma kienx jaf.



### Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-istorja 'Ġesu mas-Samaritana'. Waqt li għaddejja l-istorja l-għalliema tispjegha bil-Malti.



2. Spjega:
   a. Ġesù kien għajjien u kellu l-għatx.
   b. Poġġa ħdejn bir  u talab lil waħda mara Samaritan biex tagħtih x'jixrob.  Ġesù mhux support kellem lil din il-mara għax dawn in-nies mis-Samarija kienu miġġildin minn mal-Lhud u Ġesù kien Lhudi.
   c. Ġesù qalilha li kieku hi taf min Hu, hi titolbu biex jagħtiha x'tixrob.
   d. Hi stagħġbet għax hu ma kellux barmil.
   e. Hu qallha li hu kellu ilma li jekk tixrob  minnu ma jaqbdek għatx qatt.
   f. Hi qaltlu li hi trid minn dan l-ilma.
3. Uuri li hawnhekk għal darba oħra Ġesù qiegħed iqabbel.

- Minn jitgħallem fuq Alla u jgħix sew imur il-ġenna

4. Kompli spjega li wara, Ġesù qalilha xi affarijiet fuqha li hu mhux support kien jafhom. Hekk hi indunat li kien bniedem speċjali u marret tgħid lin-nies tar-raħal tagħha biex jemmnu f'Ġesù.

   Hi li kienet mara li għamlet ħafna dnubiet saret mara tajba temmen f'Ġesù.

   Ġesù ma qagħadx jgħid lil din il-mara mhux se jkellimha, iżda ħafrilha dnubietha u riedha li tibda temmen fih u tgħid lin-nies l-oħra.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Karta ta' Taħriġ 3.7 u stieden lit-tfal ipinġu l-istampa jew spjegalhom li għandhom ipinġuha għad-dar.

6. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi għin lit-tfal jimlew il-kliem addattat li jinsabu fil-kaxxa.

7. Spjega l-Attività ta' Sam u Tara u fiehem li meta nkunu ħbieb ma' sħabna nkunu ħbieb ta' Ġesù.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

- Jridu jkunu ħbieb ma' kulħadd anke ma' nies li forsi huma differenti minnhom, bħalma huma r-refuġjati.
- Jridu jfittxu li jagħmlu dak li hu tajjeb, avolja xi kultant ma jagħmlux dak li hu tajjeb.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jaħdmu biex ikunu ħbieb ma' kulħadd.
- It-tfal jibdew juru li l-iżbalji li jagħmlu, jibdew jitgħallmu minnhom.



## Nitolbu

Mulej Ġesu',

għinna nħobbu lil xulxin u nkunu ħbieb ma' kulħadd.

